**13 ta' Mejju, 1961**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija
*versus*
Tarcisio Galea

**"Third Party Risks" — Art. 3 tal-Kap. 165.**

*Għall-finijiet tad-dispożizzjoni tal-liġi li tgħid li ħadd ma jista jagħmel użu minn vettura tal-mutur "on the road" jekk ma jkunx hemm dwar dik il-vettura id-debita assikurazzjoni jew garanzija għar-riskji ta' terzi persuni, għandha titqies "on the road" karrozza li għall-mument tkun inutilizzabbli, u anki tkun bir-roti ġġakkjati, imma li l-ħsara li jkollha tkun rimedjabbli fi żmien qasir. L-"użu" ma jfisserx neċessarjament moviment attiv.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni kontra Tarcisio Galea quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta talli l-Belt Valletta, fis-16 ta' Frar 1961, f'xi t-12.25 p.m., ingombra volontarjament il-passaġġ liberu ta' Queen's Square bil-cars 6288 u 2533; barra minn dan, għamel użu mill-istess cars mingħajr ma kien kopert bil-polza tas-sigurtà jew garanzija dwar riskji ta' terzi persuni skond id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza nru. XXXVI tal-1939;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni biex l-imputat jiġi skwalifikat li jkollu jew jieħu ebda liċenza tas-sewqan għall-perijodu ta' tnax il-xahar jew aktar skond l-art. 3(2) tal-istess Ordinanza;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-20 ta' April 1961, li biha ddeċediet billi sabet lill-imputat ħati tal-ewwel u t-tielet reat dedotti kontra tiegħu, u kkundannatu għall-ewwel reat 10s. ammenda u għat-tielet reat £5 multa, u ordnat li huwa jiġi skwalifikat li jkollu jew jieħu ebda liċenza tas-sewqan għal żmien ta' tnax il-xahar; u ma sabitux ħati tar-reat l-ieħor kontenut fiċ-ċitazzjoni, li minnu għalhekk ġie liberat;

Rat ir-rikors tal-imputat, li bih appella kwantu għat-tielet imputazzjoni, u talab li jiġi assolt minnha;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Quddiem l-Ewwel Qorti kien hemm kontra l-imputat tliet imputazzjonijiet:— (a) dik ta' ingombru; (b) dik li għamel użu mill-cars 6288 u 2533 mingħajr ma kienu liċenzjati biex jintużaw fit-triq; (ċ) u dik li għamel użu ta' dawk il-cars bla ma kienu koperti b'polza tas-sigurtà;

L-Ewwel Qorti kkundannatu fuq l-ewwel imputazzjoni u fuq it-tielet waħda, iżda lliberatu fuq it-tieni imputazzjoni. L-imputat qiegħed jappella kwantu għat-tielet imputazzjoni;

Din l-imputazzjoni hi bażata fuq l-art. 3 tal-Kap. 165, li jgħid hekk:— "...... it shall not be lawful for any person to use...... a motor vehicle on a road unless there is in force in relation to the user of the vehicle by that person ...... such a policy of insurance etc., etc.";

Il-kwistjoni tirrigwarda biss, almenu issa fl-appell, il-karrozza 2533, għaliex kwantu għall-oħra, ċjoè dik numru 6288, ġiet f'din is-sede eżibita l-prova, permezz tas-"Certificate of Insurance", li minnu jidher li dik il-karrozza l-oħra numru 6288 kienet fil-fatt koperta b'polza tas-sigurtà għat-"third party risks" mis-27 ta' Diċembru 1960, u ebda kontestazzjoni ma eleva għal dan ir-rigward l-Avukat tal-Kuruna (verbal fol. 17);

Kwantu għall-karrozza numru 2533, id-Difiża ċċitat is-sentenza "Pul. vs. Chetcuti", deċiża minn din il-Qorti fid-29 ta' Marzu 1958. Iżda dik is-sentenza ma hix applikabbli għal dan il-każ; għaliex il-pont diskuss fiha kien pjuttost dak dwar liema vejikolu għandu jitqies "motor vehicle", u l-ipotesi ta' fatt fiha kunsidrata kienet ta' "motor cyclette", li minħabba li l-mutur ma kienx qiegħed jiffunzjona kienet qegħdha tiġi mmexxija bil-pedali — fattispeċje diversa mill-każ preżenti. Fil-każ preżenti ma

hemmx kwistjoni li l-car 2533 hu motor-vehicle, u l-kwistjoni hi biss dik jekk jistgħax jingħad, għall-finijiet tal-artikolu fuq ċitat, li din il-karrozza kienet "used on a road";

Deher mill-provi li din il-karrozza numru 2533 kienet qegħdha fuq Putirjal, fejn il-Picket House il-qadima, bir-roti ġġakkjati, u l-imputat ilu ma jużaha xi sena u tmien xhur. Il-ħsara li minħabba fiha l-imputat mhux qiegħed juża din il-karrozza hi biss li għandha t-top tal-karburatur miksur, u hu ma sewwihiex b'sempliċi traskuraġni;

Il-liġi fuq ċitata ġiet modellata fuq il-Liġi Ingliża, u kwindi hu utili li wieħed jara x'inhu l-orjentament tal-ġurisprudenza ngliża in propożitu;

Il-każ ġie awtorevolment deċiż fil-kawża Elliot v. Grey mill-High Court of Justice, Queens' Bench Divisional Court, President Lord Parker u Mħallfin Cassels and Edmund Davies, fid-29 ta' Ottubru 1959. Il-"law report" ta' din il-kawża, riportat fil-Criminal Law Review, Jan. 1960, p. 68, jgħid hekk:— "E. was charged before the justices with using a motor vehicle on a road without there being in force in relation to the user of that vehicle a policy of insurance, contrary to sect. 35(1) of the Road Traffic Act. 1930. The justices found that on February 7, 1959, E. was the owner of a car which was parked in the roadway outside his house. Another vehicle had collided with it...... E. had placed the car outside his house and had left it there. He had jacked it up so that the wheels were off the ground, and had removed the battery. On appeal against conviction, by the justices, HELD, dismissing the appeal, that E. was using the car on a road within the meaning of the section and that he was accordingly guilty of the offence with which he had been charged;

Lord Parker, fil-kors tad-deċiżjoni tiegħu, osserva li l-kelma "use" hija ekwivalenti għal "have the use of a motor vehicle on the road"; u illi "though the car could not be driven, there is nothing to suggest that it could not be moved";

L-istess deċiżjoni ġiet adottata mill-Acton Magistrates'

Court f'Diċembru 2, 1959, f'każ li fih "the car's rear wheels were jacked up rendering it immobile"; u l-prosekutur kien argumenta, f'dik il-kawża, mhux bla raġuni, illi "even when a car is stationary, a third party might still be injured; for example, a car might run into the back of it in a fog";

Din il-ġurisprudenza rriskwotiet milli jidher, l-approvazzjoni taċ-ċirkoli legali ngliżi; għaliex l-kommentatur fil-Crm. Law Review qal:— "A motor vehicle standing on the road clearly comes within the mischief aimed by the Act, for it may be the cause of an accident to third parties whom the section is designed to protect. The decision thus achieves a desirable result from a social point of view. It is, moreover, it is respectfully submitted, a not unreasonable construction of the statute......" (note p. 64). Ċert hu li fil-kawża Elliot v. Grey fuq ċitata, kif osserva kommentatur ieħor fir-rivista legali "The Solicitor". Jan. 1960, p. 25, Lord Parker "demolished the argument of the defendant to the effect that the word 'use' implies active movement of the vehicle";

Din il-Qorti tirrileva li jista' jasal mument, fl-istat ta' dilapidazzjoni ta' car abbandunat, li ma jkunx aktar rikonoxxibbli bħala car ossija motor vehicle; imma f'dan il-każ tal-lum is-sempliċi ħsara tal-karburatur ma hijiex tali li ġġib dak l-istat, u r-roti ġġakkjati hi ħaġa li tista' tiġi rimedjata fi żmien qasir. Għalhekk ma jiswiex lill-imputat il-fatt li l-car hu għall-mument inutilizzabbli; mhux biss għaliex "third parties" jistgħu jiġu korruti b'kolliżjoni ta' car ieħor mal-car "de quo", imma anki għaliex, sakemm il-ħsara u d-dilapidazzjoni ma hijiex tali li tittrasforma dik li kienet qabel karrozza motorizzata f'oġġett kwalunkwe, sid dik il-karrozza għandu l-użu ta' karrozza "on the road", peress li "use" ma jfisserx neċessarjament moviment attiv;

Għalhekk ir-reat hu pruvat kwantu għall-car nru. 2533; u ċertament għall-kommissjoni tar-reat ma jeħtieġx li n-nuqqas ikun relattivament għal żewġ cars, imma biżżejjed li jkun dwar wieħed. Stante ċ-ċirkustanzi fuq imsemmija, però, din il-Qorti jidhrilha li għandha tittem-

pera r-rigur tal-perijodu tal-iskwalifika, bħala "special reasons" għas-sens tal-liġi;

Għal'hekk tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell dwar it-tielet imputazzjoni fil-meritu (relattivament għall-car 2533), b'dan li, salva l-multa ta' £5, l-iskwalifika tal-liċenza tas-sewqan tkun dik ta' xahar mil-lum, minflok dik ta' tnax il-xahar.